**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

It-Tlieta 4 ta' Diċembru 2018

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

### AĠENDA Numru 82

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 82 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 10 ta' Diċembru 2018 fil-5:30pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

### AĠENDA

82.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
82.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
82.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
82.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
82.5 Rapporti;
82.6 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
82.7 Ħatra tal-Bord t'Aġġudikazzjoni għal Ġieħ il-Qrendi 2019;
82.8 Aġġornament dwar Jum il-Qrendi 2019;
82.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
82.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tat-82 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 10 ta' Diċembru 2018 fil-5:30pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fis-7pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Ambaxxatriċi | Michaela Vassallo |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

82.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOOĠIJA**

82.1.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud ma tistax tattendi għal din il-laqgħa minħabba raġunijiet ta' saħħa.

Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li din ir-raġuni għandha tiġi aċċettata.

82.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

82.2.1 Il-Minuti tat-80 u l-81 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proponuti mill-Kunsilliera Daniela Farrugia.

82.2.2 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda l-Minuti u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 82.3, 82.4 u 82.5 jiġu diskussi wara Minuta 82.8 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet sekondata mill-Viċi Sindku Charles Zerafa u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

82.6 **AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI**

82.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li jiddispjaċih jgħid li ma saru l-ebda żviluppi fl-aħħar żewġ laqgħat u dan ifisser li ma sar xejn fl-aħħar xahrejn.

82.6.2 Qal li ltqajna mal-Perit tal-Kunsill Lokali fuq is-sit, u issa konna qed nistennew is-*survey* tal-binja jitlesta, l-ewwel nett min-naħa tal-Perit,

kif ukoll ridna l-approvazzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar.

82.6.3 Komplia li s'issa għadna qegħdin nistennew ir-risposta tal-Awtorità tal-Ippjanar u malli jtuna l-approvazzjoni nkunu nistgħu nipproċedu.

82.6.4 Żied li suppost, nhar l-Erbgħa li ġej, ser issir konferenza tal-aħbarijiet mis-Segretarju Parlamentari, l-Onorevoli Silvio Parnis, sabiex jitkellem aktar dwar dan il-proġett.

82.6.5 Spjega li l-ħsieb oriġinali kien li din il-konferenza tal-aħbarijiet issir fuq is-sit fejn ser jinbena ċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid, imma qal li hu qiegħed jipproponi li din issir fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali minħabba problemi loġistiċi.

82.6.6 Is-Sindku żied li l-ħajt li hemm bħala *hoarding* qiegħed xi ftit ta' periklu minħabba li tbewwaq u qed nistennew lill-kuntrattur jirranġah mill-aktar fis.

82.6.7 Żied li dan il-proġett irid jitlesta sal-aħħar t'Awwissu 2019, għax fil-kuntratt hemm imniżżel li l-binja trid tkun lesta fi żmien sena mill-bidu tagħha.

## 82.7 <u>ĦATRA TAL-BORD T'AĠĠUDIKAZZJONI GĦAL ĠIEĦ IL-QRENDI 2019</u>

82.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-Kunsillieri kienu mistennija li jġibu xi ismijiet magħhom għal dan il-Bord.

82.7.2 Qal li s-Sur Joseph Grixti aċċetta li jkun parti minn dan il-Bord.

82.7.3 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li avviċina lis-Sa Bernardette Azzopardi u wkoll aċċettat li tkun parti minn dan il-Bord.

82.7.4 Żied li ser jipprova javviċina persuna oħra sabiex tkun parti mill-Bord tal-Aġġudikazzjoni.

82.7.5 Is-Sindku qal li jinsab iddiżappuntat li għal sen'oħra erġajna sibna ruħna fl-istess sitwazzjoni tas-sena li għaddiet u qal lill-Kunsillieri li ser

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

jagħti ċans sas-Sibt 15 ta' Diċembru għal aktar nominazzjonijiet fil-Bord t'Aġġudikazzjoni.

82.7.6 Saħaq li jekk mhux ser jaslu aktar ismijiet, ser ikollu jerġa' jagħżel il-bqija tal-Bord hu stess, kif kellu jagħmel is-sena li għaddiet.

## 82.8 AĠĠORNAMENT DWAR JUM IL-QRENDI 2019

82.8.1 Is-Sindku David Schembri staqsa lill-Kunsillieri x'ser nagħmlu għal dan il-Jum.

82.8.2 Qal li bħas-soltu nistgħu nagħmlu l-quddiesa bħalma sar fis-snin l-imgħoddija u nitkellmu mal-Kappillan biex forsi l-quddiesa tal-10am tkun apposta għal dan il-jum.

82.8.3 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa staqsa jekk il-marċ li kien isir bħas-soltu miż-żewġ baned tal-lokal huwiex ser jerġa' jsir u ppropona li għandha tintbagħat l-ittra liż-żewġ Soċjetajiet Mużikali sabiex idoqqu bħala banda waħda f'dan il-Jum.

82.8.4 Is-Sindku wieġeb li rridu naraw jekk humiex lesti li jdoqqu flimkien minħabba li konna rċevejna ittra mingħand Soċjetà minnhom li donnha ma riditx tibqa' ddoqq mal-banda tas-Soċjetà l-oħra.

82.8.5 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li għandha tintbagħat l-ittra liż-żewġ Soċjetajiet Mużikali mbagħad nimxu skont kif jirrispondu.

82.8.6 Is-Sindku staqsa dwar fejn ser issir is-serata ta' Ġieħ il-Qrendi 2019.

82.8.7 Il-Viċi Sindku qal li kieku l-ideali tkun li ssir fis-sala taċ-Ċentru Pastorali Parrokjali, u s-Sindku kkonferma li għandha ssir hemmhekk.

82.8.8 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li jekk kemm-il darba l-Kappillan jaċċetta u s-sala tinsab vakata, allura s-serata ta' Ġieħ il-Qrendi 2019 issir hemmhekk.

82.8.9 Il-Kunsilliera Daniela Farrugia ssuġġeriet li jkun aħjar jekk is-serata ta'

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Ġieħ il-Qrendi ssir il-Ġimgħa minflok is-Sibt, bħalma sar fl-2018 u l-Viċi Sindku qabel mal-proposta.

82.8.10 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li s-serata ta' Ġieħ il-Qrendi 2019 għandha ssir il-Ġimgħa 22 ta' Frar 2019 u Jum il-Qrendi jsir il-Ħadd 24 ta' Frar.

## 82.3 <u>KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU</u>

82.3.1 Is-Sindku David Schembri qal li llum stess għadu kif ġie ffirmat il-kuntratt ta' Miżura 4.4, li huwa tat-tisbiħ tal-ħitan tas-sejjieħ li hemm f'Misraħ is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena.

82.3.1.1 Qal li dan il-kuntratt kien iffirmat flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, biss dan ma jfissirx li x-xogħol ser jibda immedjatament, għax għadhom iridu jinħarġu t-tenders u jkun deċiż min ser jieħu ħsieb dan ix-xogħol.

82.3.1.2 Spjega kif probabilment ikun għal Mejju/Ġunju meta jkun jista' jinbeda dan ix-xogħol ta' tisbiħ.

82.3.2 Is-Sindku tkellem dwar Miżura 4 – *Green Initiatives Development* u qal li l-ġimgħa li għaddiet irċevejna l-aħbar li ser ningħataw fondi sabiex inkunu nistgħu nagħmlu t-tisbiħ tas-*soft area* li hemm fi Triq il-Panorama k/ma' Triq Ħaġar Qim.

82.3.2.1 Qal li dan ix-xogħol ta' tisbiħ mhuwiex mistenni jibda qabel Marzu tas-sena d-dieħla għaliex għadna qed nistennew il-permessi tal-Awtorità tal-Ippjanar, imbagħad wara nkunu nistgħu nippubblikaw it-tenders.

82.3.3 Is-Sindku tkellem dwar il-parteċipazzjoni tal-Qrendi f'serati tal-unuri matul il-ġimgħa li għaddiet.

82.3.3.1 Qal li ż-żagħżugħ Alec Falzon u s-Sur Angelo Ciappara kienu nominati għall-unuri, tal-ewwel fl-unur tas-Soċjetà Ġusta, filwaqt li tal-aħħar kien nominat għall-*MOC Award*.

82.3.3.2 Żied li anke l-Kunsill Lokali tal-Qrendi kien nominat fl-*MOC Awards*,

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

biss ma rbaħniex l-unur aħna.

82.3.4 Is-Sindku tkellem dwar il-promozzjoni tar-raħal tal-Qrendi u qal li kemm fil-programm 'Qribna' u anke fil-programm 'Linji Lokali', il-Qrendi kien muri bl-aħjar mod possibbli.

82.3.4.1 Barra minn dan, fil-programm 'Waranofsinhar', is-Sindku u l-Kunsilliera Daniela Farrugia ħadu sehem fi kwiżż kontra l-lokalità tal-Kalkara.

82.3.5 Is-Sindku tkellem dwar Triq il-Ġwiewel u Triq San Mattew u qal li f'dawn iż-żewġ toroq għandna ċertu problemi.

82.3.5.1 Qal li fi Triq il-Ġwiewel kien hemm sid t'għalqa li daħħal il-ħajt tiegħu 'l ġewwa u allura t-triq sfrondat u bħalissa qegħdin nistennew x'azzjoni ser nieħdu.

82.3.5.2 Fi Triq San Mattew k/ma' Triq Ħaġar Qim hemm il-blokki fin-nofs sabiex jiġi rinfurzat bini li qed jitwaqqa'. L-Awtorità tal-Ippjanar ġibdtilna l-attenzjoni u bħalissa qegħdin nistennew anke mingħandhom dwar kif ser inmexxu.

82.3.6 Is-Sindku tkellem dwar Triq il-Panorama u qal li wara laqgħa mal-Perit tal-Kunsill Lokali u ma' Infrastruttura Malta, ressaqna proposta sabiex innaqqsu l-periklu għal dawk il-vetturi li jkunu telgħin minn Wied iż-Żurrieq u anke għal dawk in-nies li jkunu qegħdin jimxu.

82.3.6.1 Dawn l-proposti ser jitressqu wkoll lit-Transport Malta għall-kunsiderazzjoni tagħhom.

82.3.7 Is-Sindku tkellem dwar applikazzjoni għal Triq l-Imqabba k/ma' Triq it-Tempesta.

82.3.7.1 Qal li daħħalna applikazzjoni quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar kif ukoll Transport Malta sabiex nagħmlu speċi ta' bankina li tressaq il-vetturi ftit aktar 'il barra mir-residenzi.

82.3.8 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa dwar il-*bus shelters*.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

82.3.8.1 Qal li l-ħsieb hu li dawn jinbidlu, u ser issir laqgħa matul il-ġimgħa li ġejja sabiex niddiskutu mal-kumpanija li suppost ser tieħu ħsieb it-tibdil ta' dawn il-*bus shelters*.

82.3.8.2 Fisser kif din il-kumpanija ser tkun qiegħda tieħu l-ħlasijiet mill-promozzjoni li ssir f'dawn il-*bus shelters*, biss s'issa għadna ma ħadniex deċiżjoni finali dwar jekk hux ser nibdluhom jew le.

82.3.9 Is-Sindku tkellem dwar in-niċċa tal-Madonna tar-Rużarju li tinstab f'Wied iż-Żurrieq.

82.3.9.1 Qal li bħalissa qiegħed isir tisbiħ permezz ta' panelli solari sabiex din in-niċċa tkun imdawla.

82.3.9.2 Żied li l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu ser tkun qiegħda toħroġ l-ispejjeż għal dawn il-panelli solari.

82.3.9.3 Fisser kif fl-aħħar jiem inġabru l-flus minn mal-istatwi li għandna madwar il-Qrendi, u b'kollox kien hemm ftit aktar minn €300 li ser jingħataw lid-Dar tal-Providenza fl-1 ta' Jannar 2019.

82.3.10 Is-Sindku tkellem dwar ix-xogħol li qiegħed isir fiż-żona magħrufa bħala 'taż-Żellieqa' u qal li fil-jiem li ġejjin ser jingħata l-asfalt lil din it-triq fil-kampanja.

82.3.11 Is-Sindku tkellem dwar il-korrispondenza ***Transport for Żurrieq, Qrendi, Safi and Kirkop area***.

82.3.11.1 Qal li skont l-*e-mail* jidher li ser jinħareġ tender ġdid u qegħdin jistaqsuna jekk għadniex irrid naqsmu l-ispejjeż bejnietna u bejn Ħal Safi.

82.3.11.2 Ippropona li għandna nagħmlu laqgħa magħhom sabiex niddiskutu dew dan il-punt minħabba li huwa ovvju li dan it-tender ser jogħla l-prezz tiegħu.

82.3.12 Is-Sindku tkellem dwar petizzjoni ffirmata mir-residenti ta' Triq it-Tabib Gregorio Mifsud k/ma' Triq Santa Katarina.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

82.3.12.1 Qal li din il-petizzjoni tirrigwarda skip li jridu dawn ir-residenti, li jriduh fit-triq tagħhom u jriduh jissakkar.

82.3.12.2 Fisser kif fil-passat kellna skips fl-akwati, u saħansitra kważi rċevejna theddida li anke nistgħu nittellgħu l-Qorti jekk kemm-il darba nħalluhom hemmhekk.

82.3.12.3 Spjega kif maż-żmien kellna nneħħuhom, u llum qegħdin nipprovdu servizz li pjuttost huwa tajjeb għal min joħroġ il-boroż f'ħinhom u f'waqthom.

82.3.12.4 Qal li jekk kemm-il darba jsir skip, probabilment iridu jsiru tnejn, għaliex trid issir waħda għall-iskart organiku u l-oħra għall-iskart domestiku.

82.3.12.5 Il-Viċi Sindku qal li probabilment huma jridu waħda tal-iskart organiku, għaliex illum l-iskart domestiku m'għadux jiġi ġġenerat daqskemm kien qabel.

82.3.12.6 Staqsa wkoll din fejn ser issir u s-Sindku wieġeb li jekk din ser issir, huma r-residenti stess li jridu jiddeċiedu fejn iriduha.

82.3.12.7 Is-Sindku qal li huwa ma tantx huwa favur li ssir skip f'din it-triq u l-Viċi Sindku qal li huwa jaqbel mal-proposta tas-Sindku.

82.3.12.8 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li fil-preżent ma jistax jilqa' t-talba tar-residenti ta' din it-triq sabiex issir din l-iskip.

## 82.4 <u>**TWEĠIBIET GHALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**</u>

82.4.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa staqsa jekk jistgħux isiru *speed limits* fi Triq Ħaġar Qim, waħda għal Triq Ħas-Sejjieq u l-oħra għal Triq iż-Żelliqat.

82.4.1.1 Is-Sindku wieġeb li anke jekk isiru t-tabelli, min ikun irid isuq, mhux ser jiddejjaq isuq għax sempliċiment ikun hemm it-tabelli.

82.4.2 Il-Viċi Sindku staqsa jekk huwiex possibbli li fi Triq iż-Żelliqat jinqata' l-ħaxix.

82.4.2.1 Is-Sindku wieġeb li bħalissa qiegħed jinqata' l-ħaxix fiż-żoni rurali tal-lokal u allura l-ħaxix ta' din it-triq ser jinqata' fil-jiem li ġejjin.

82.4.3 Il-Kunsillier Daniel Farrugia qal li rċieva xi lmenti dwar Triq San Mattew minħabba li saru bankini fuq iż-żewġ naħat tat-triq u allura t-triq djieqet.

82.4.3.1 Is-Sindku wieġeb li dawn il-bankini saru minħabba li hemmhekk qiegħed jitla' l-bini u l-Awtorità tal-Ippjanar qiegħda żżomm lil dawk li jkunu qegħdin jibnu milli jkomplu jekk kemm-il darba ma jagħmlux il-bankina.

## 82.5 RAPPORTI

82.5.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li nhar is-Sibt li ġej ser issir il-ħarġa għal Għawdex u bħalissa għadna qegħdin nilqgħu l-*bookings.*

## 82.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

82.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €22,210.45 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 12/18 u €93.74 skont il-*Petty Cash* Ref V/11.

82.9.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

82.9.3 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa u l-Kunsillier Daniela Farrugia ssekondaw din il-proposta.

82.9.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

| | | |
|---|---|---|
| 82.10 | **<u>TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS</u>** | |
| | 82.10.1 | Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-6:30pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 14 ta' Jannar 2019 fil-5:30pm. |

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**